**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 239/2016**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur William Scicluna)**

**-vs-**

**Darren Schembri detentur tal-karta ta' identita bin-numru 326286M**

**Christopher detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 556784M.**

**Lee Tabone Valetta detentur tal-karta ta' Identita bin-numru 365682M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija imputati li gew akkuzati kif gej:

Fil-konfront ta' **Darren Schembri u Christopher Cachia** waħedhom talli:

1. f'dawn il-gżejjer nhar l-24 ta' Mejju, 2013, b' mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi urew ħaġa b'oħra sabiex gieghlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, seta' fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamlu qligħ li jeċċedi l-valur ta' elfejn tliet mija u

disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu tal-kumpanija Tumas Gaming Ltd, is-sidien u diretturi tagħha u persuni oħra;

2. fil-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlu qligħ ieħor b'qerq għad-dannu tal-imsemmija kumpanija Tumas Gaming Ltd, is-sidien u diretturi tagħha u persuni ohra;

   Fil-konfront ta' **Darren Schembri**, **Christopher Cachia u Lee Tabone Valetta talli:**

   f'Malta assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt (frodi) f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll li tapplika l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza tal-21 ta' Gunju, 2016, mizmuma minn din il-Qorti l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-parte leza giet rizarcita mill-Insurance u li l-imputati qed jaghmlu pagamenti lis-socjeta` assikurattiva relattiva sabiex din ukoll ma tkun soffriet ebda danni. Rat il-fedina penali netta tal-imputati Schembri u Cachia kif ukoll dik ta' Tabone Valetta li madanakollu ftit tohloq preokkupazzjoni galadarba turi li l-uniku reat mwettaq minnu jirrisali ghall-2004.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti:
Wara li rat l-artikoli 17, 31, 48A, 308, 309, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati Darren Schembri u Christopher Cachia hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, u bl-applikazzjoni ta′ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta′ Malta tpoggihom taht ordni ta′ probation ghal zmien tlett snin.

Wara li rat l-artikoli 17, 31, 48A, 308, 309, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Lee Tabone Valetta hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett snin millum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**